MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 146/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited**
**in rappresentanza tas-socjeta' estera**
**Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Joseph Scicluna**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn sitta u ghoxrin lira, erbgha u tmenin centezmu (Lm2226.84c) li s-socjeta attrici hallset lill-konvenut ghal xoghol ta' panel beating, spray painting u xiri ta' spare parts in konnessjoni mat-tiswija tal-vettura Nissan Nru KBA 674 propjeta' ta' Saviour Lautier liema vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku li gara l-Marsa fit-8 ta' Mejju 2000, stante li la sar ix-xoghol ta' panel beating u spray painting u lanqas inxtraw l-ispare parts, b'hekk il-konvenut

approprja ruhhu illegalment, indebitament u abbusivament mill-flus li rcieva minghand is-socjeta' attrici noe.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Gunju 2001 u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju Nru 2374/01/AC presentat fl-14 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali mill-14 ta' Settembru 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Frar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm2226.84,0 bl-imghax legali mill-14 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2374/01/AC presentat fl-14 ta' Settembru 2001.

--------------------------------TMIEM-------------------------------